MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 744/1993/1

**Anglu Vella; u b'digriet tat-18 ta' April 1996 Victoria Ciappara assumiet l-atti tal-kawza *stante* li l-istess Anglu Vella jinsab imsiefer**

**vs**

**Bernardette mart Alfred Darmanin u l-istess Alfred Darmanin bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu**

**Il-Qorti;**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta illi favur tieghu jezisti kreditu kontra l-konvenuti, u dana fis-somma ta' Lm2576.81 rappresentanti flus li bhala prokuraturi gabru u kellhom jghaddu lill-attur, wara li jinqatghu xi hlasijiet li kellhom isiru; li minghajr ragunijiet validi fil-ligi ma giex effettwat il-pagament dovut mill-konvenuti lill-attur u ghalhekk ghad hemm id-debitu mhux imhallas; talab ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex tikkundanna lill-konvenuti ghall-pagament lill-attur ta' Lm2576.81 rappresentanti flus li bhala prokuraturi gabru u kellhom jghaddu lill-attur, wara li jinqatghu xi hlasijiet li kellhom isiru; bl-ispejjez, bl-imghaxijiet mid-data li fiha l-konvenuti dahlu fil-pussess tal-flus, u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha eccepew:

1. Ili preliminarjament ic-citazzjoni hija nulla ghaliex fil-faccata tal-kopja notifikata lill-konvenuti ma tindikax minn liema Qorti hija emanata;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, zewg il-konvenuta jismu Alfred u mhux Anthony u konsegwentement l-atti huma wkoll nulli;

3. Illi l-konvenuti ma ghandhomx jaghtu lill-attur ghaliex minn kwalunkwe rikavat li rcevew l-konvenuti jridu jitnaqqsu bhala dovuti lill-konvenuti drittijiet ta' senserija, drittijiet ta' servigi resi u prestazzjonijiet, u spejjes inkorsi kif ukoll drittijiet ghal xoghol res bhala Prokuratur. L-esponenti jghidu li huwa l-attur li ghandu jtihom u fuq dan jirriservaw id-drittijiet taghhom skond il-ligi;

4. Illi ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, guramentata mill-konvenuta, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sbatax (17) ta' Marzu, 2000 illi permezz taghha l-Qorti, wara illi cahdet l-eccezzjoni tal-konvenuti illi kien ghad fadal illi tigi deciza, jigifieri t-tielet (3) wahda, laqghet it-talba ta' l-attur u kkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' elfejn, hames mija u sitta u sebghin lira u wiehed u tmenin centezmu (Lm2,576.81), flimkien ma' l-ispejjez tal-kawza, b'dan illi l-imghaxijiet jibdew jghaddu mill-21 ta' Gunju 1993, meta saret it-talba gudizzjarja, u dana wara illi kkunsidrat hekk:

"Il-kwistjoni ghalhekk hija wahda ta' konteggi. Billi bil-mod kif kienu maghmula l-kontijiet imhejjija mill-partijiet kien difficli li jsir konfront bejniethom, il-qorti, b'dikriet moghti fit-12 ta' Ottubru 1998, kienet stiednet lill-attur biex ihejji prospett li juri car id-dhul u l-hrug kif pretiz minnu, u lill-konvenuti biex ighidu dwar kull *item* ta' dhul u hrug jekk jaqblux. Ghalkemm, skond id-dikriet, dan l-esercizzju kellu jitlesta mill-partijiet sad-29 ta' Jannar 2000, kien biss fit-13 ta' Awissu 1999 li l-attur hejja l-prospett tieghu, li kien l-istess prospett gà esebit fl-atti, izda b'zieda ta' indikazzjonijiet ta' dokumenti li jiggustifikaw il-prospett. Il-konvenuti baqghu ma ghamlux l-osservazzjonijiet taghhom kif kien irid id-dikriet tat-12 ta' Ottubru 1998, ghalkemm il-kont ta' l-attur kien notifikat lilhom fit-23 ta' Settembru 1999. Il-qorti, ghalhekk, b'dikriet iehor moghti waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 1999 regghet tat lill-konvenuti zmien ta' xahar iehor minn dak in-nhar biex jimxu kif irid id-dikriet tat-12 ta' Ottubru 1998, izda l-konvenuti baqghu, sallum, ma wegbux.
"Il-qorti ghalhekk tifhem li tista' toqghod fuq il-prospett imhejji mill-atturi, li, kif juri l-prospett stess, huwa gustifikat b'dokumenti ohra esibiti fil-process, u, billi l-prospett jaqbel mat-talba maghmula fic-citazzjoni, sejra tilqa' t-

talba ta' l-attur. Dan il-prospett iqis ukoll l-ispejjes maghmula mill-konvenuti, kif trid it-tielet eccezzjoni, izda ma hux il-kas li l-qorti tqis il-pretensjoni tal-konvenuti ghal senserija u dritt ghal servigi billi ma saritx kontro-talba ghal-likwidazzjoni ta' dawk il-pretensjonijiet."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenuti illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi tigi mhassra revokata u annullata s-sentenza appellata u dana billi jintlaqghu l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jigu michuda t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi (*sic*);

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-attur illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, ssottometta illi l-appell tal-konvenuti ghandu jigi respint bl-ispejjez kontra taghhom;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenuti kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:
(1) Illi l-ewwel Qorti, fi kliem ir-rikors ta' appell, "… injorat diversi ammonti li gew sborsjati u li gew fil-fatt imhallsa mill-konvenuti a beneficcju ta' l-atturi [*sic*], li indipendentement mill-kwistjoni tal-kontrotalba jekk fis-sostanza jirrizultaw ghandha ssehh it-tpacija apparti minn u mhux necessarjament marbuta mal-kwistjoni tal-kontrotalba;"
(2) Illi, ukoll fi kliem ir-rikors ta' l-appell: "illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma ikkalkulatx fil-komputazzjoni taghha certu pretensjonijiet li saru;"

Ikkunsidrat:

Illi, qabel ma jigu trattati dawn l-aggravji tal-konvenuti, huwa mehtieg illi jigi kkunsidrat dak illi ssottomettew u talbu l-konvenuti fil-paragrafu enumerat tmienja (8) tar-rikors ta' appell taghhom hawn taht riprodott:

"Illi l-esponenti jibdew biex jistqarru u ma jidrilhomx li ghandhom wisq gustifikazzjoni ghal dan illi huma ben konxji illi huma naqsu illi jippresentaw il-prospett kif mistiedna mill-Qorti u ghal dan ovvjament jimputaw lilhom infushom;  izda l-uniku nofs vuci li jistghu ighidu huwa li kellhom diversi problemi familjari u li ghalhekk jittamaw fis-sens tal-verità u gustizzja ta' din il-Qorti illi tikkonsidra l-prospett minnhom imhejji u anness li kif jidher ukoll wasal ghand id-difensur sottoskritt fil-jum tas-sentenza! Jittamaw biss illi l-Qorti tqisu u fi kwalunkwe kaz jitolbu lil din il-Qorti sabiex jekk ikun il-kaz tismaghhom biex jispjegaw ic-cirkostanzi taghhom biex jippruvaw jiggustifikaw u jew jissugragaw [*sic*] in-nuqqas taghhom;"

Illi hija l-fehma ta' dina l-Qorti illi la ghandha tiehu konjizzjoni tal-prospett illi ghadu kemm issemma u illi anqas ghandha tisma' lill-konvenuti appellanti, u dana ghaliex l-istess appellanti ma nsistewx dwar dan, tant illi fl-unika udjenza mizmuma minn dina l-Qorti gie verbalizzat hekk:
"Id-difensur[i] tal-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti";

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti tifhem illi, meta fl-ewwel aggravju taghhom hawn fuq riportat il-konvenuti qalu illi l-ewwel Qorti "injorat diversi ammonti li gew sborsjati u li gew … imhallsa mill-konvenuti a beneficcju ta' l-atturi", huma kienu qed jirreferu ghal dak illi jghidu fil-paragrafi enumerati disgha (9) u ghaxra (10) tar-rikors ta' appell taghhom;

Fil-fatt, il-paragrafu 9 illi ghadu kemm issemma l-ewwel jelenka diversi ammonti u, imbaghad, jispicca hekk:  "… dawn l-ammonti kollha jirrizultaw mill-Affidavit ta' [l-konvenuta] Bernardette Darmanin".   Mill-atti processwali jirrizulta illi l-konvenuta Bernardette Darmanin ghamlet affidavit wiehed, dak illi jinsab a fol. 36 u 37.   Fir-realtà, f'dan l-affidavit ma jissemma ebda wiehed mill-ammonti elenkati fl-istess paragrafu 9, ghalkemm jissemmew materji illi ghalihom jistghu jirreferu dawn l-ammonti. Mhux hekk biss, izda tajjeb illi jinghad illi wiehed facilment jinnota certi diskrepanzi bejn l-pretensjonijiet imsemmija

f'dan il-paragrafu 9 u bejn dak illi tghid il-konvenuta Bernardette Darmanin fl-affidavit taghha. Ezempju ta' dan huwa s-segwenti: filwaqt illi fil-bidu tal-paragrafu 9 jinghad "… l-esponenti [il-konvenuti] jirreferu ghall-ammont ta' tmien mitt Lira li baqghu ma thallsux mill-kera" (dawn huwa l-kera ta' villa ta' l-attur li kienet mikrija lil mara Ingliza), fl-imsemmi affidavit il-konvenuta ma tghidx illi kien hemm xi kera illi baqa' ma thallasx, izda tghid biss "… l-gbir tal-kera dejjem habtitni [l-inkwilina] ghalih."

Illi fil-paragrafu enumerat 10 tar-rikors ta' appell jinghad hekk, fost affarijiet ohra:
"Illi l-esponenti jidrilhom illi ghandhom ukoll isemmu l-ammont ta' erba' mitt Lira (Lm400) li thallas u dwar dan it-tifel taghhom li gie apposta minn Tunes Lawrence Darmanin."

Ghalkemm dan il-kliem illi ghadu kemm gie citat huwa pjuttost ingarbuljat, il-Qorti tifhem illi bih l-konvenuti appellanti qeghdin isostnu illi l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra illi lill-attur huma tawh is-somma ta' Lm400 illi jsemmi binhom Lawrence waqt id-depozizzjoni tieghu maghmula waqt l-udjenza tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar, 1998 (fol. 253-265). Dina l-Qorti jidrilha illi l-ewwel Qorti m'ghamlet xejn hazin illi ma qiesitx dawn l-Lm400 ghaliex, minn ezami tal-provi prodotti tirrizulta diskrepanza sejra bejn dak illi qalu l-istess Lawrence Darmanin u l-konvenuta Bernardette Darmanin dwar dawn l-Lm400. Infatti, filwaqt illi Lawrence Darmanin jghid illi huwa <u>zbanka dawn l-Lm400 minn kont bankarju tieghu</u> permezz ta' *MasterCard* u ghaddihom lil ommu, din ta' l-ahhar, fil-paragrafu enumerat erbgha (4) ta' l-imsemmi affidavit taghha, tghid hekk (fol. 37):
"Sadattant kien hawn it-tifel tieghi minn barra u tant kien xeba' jarah [lill-attur] gej u sejjer li <u>qalli biex naghtih l-erba' mitt lira li ried</u>." (sottolinear ta' dina l-Qorti)

Illi fil-paragrafu 10 tar-rikors ta' appell il-konvenuti jghidu wkoll: "Jissemmew … u l-ammont ta' Lm800 avanzat." Dina l-Qorti tifhem illi b'dan il-kliem il-konvenuti qed isostnu illi huma avanzaw somma ta' Lm800 lill-attur.

Mill-ezami tal-provi prodotti illi ghamlet dina l-Qorti, dak illi qed isostnu l-konvenuti ma jirrizulta b'ebda mod;

Illi, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, l-ewwel (1) aggravju tal-konvenuti appellanti ma jistax jigi milqugh;

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti tifhem illi l-konvenuti ttrattaw it-tieni (2) aggravju taghhom hawn fuq riportat fil-paragrafu enumerat hdax (11) tar-rikors ta' appell. Dak illi qed jissottomettu l-konvenuti f'dan il-paragrafu huwa illi, ghalkemm "… l-asserzjoni tal-[ewwel] Qorti illi ma hix ser tqis il-pretensjoni tal-konvenuti ghal senserija u dritt ghal servigi billi ma saritx kontrotalba ghal-likwidazzjoni ta' dawk il-pretensjonijiet" hija valida, l-ewwel Qorti kellha tiehu konjizzjoni ta' - fi kliem il-konvenuti - "… certi fatturi bhala hlasijiet illi minkejja li ma hemmx talba formali jekk jirrizultaw hemm tpacija - ghaliex il-principju huwa illi jekk iz-zewg krediti jezistu simultaneament - art 1196 sa 1199 tal-Kodici Civili issehh it-tpacija …". Fi ftit kliem, dak illi qed jippretendu l-konvenuti permezz tat-tieni aggravju taghhom huwa illi ghal dak illi jirrigwarda s-senserija u s-servigi minnhom pretizi, *ai termini* ta' l-artikoli 1196 sa 1199 tal-Kodici Civili, hemm tpacija mal-kreditu ta' l-attur. Ma hemm ebda dubju illi l-konvenuti invokaw l-artikoli 1198 u 1199 tal-Kodici Civili inutilment ghaliex dawn ma jistghu b'ebda mod ikunu applikabbli ghall-kaz in ezami. Huwa pacifiku illi sabiex issehh it-tpacija kontemplata mill-artikoli 1196 u 1197 tal-Kodici Civili id-dejn irid ikun cert, likwidu u dovut. Fil-kaz odjern, ezami anke mill-aktar superficjali tal-provi prodotti juri bic-car illi l-kreditu pretiz mill-konvenuti, sa issa, la huwa cert, la huwa likwidu u anqas huwa dovut;

Illi, ghalhekk, anqas it-tieni (2) aggravju tal-konvenuti ma huwa fondat;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjes ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenuti appellanti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------